MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' Settembru, 2003

Numru. 106/2001

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
FRANKIE PACE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Frankie Pace ta' 21 sena imwieled Pieta nhar l-4 ta' Lulju 1979 bin Lawrence u Mary nee Psaila u residenti 75, Triq is-Sur L-Isla u detentur ta' karta tal-identita nru 319679M talli fil-Furjana minn gewwa l-MCP Car Park fit-8 ta' Frar 2001, b'diversi atti maghmulin b'risoluzzjoni wahda bejn il-11.30am u l-1.30pm ikkommetta serq ta' stereos tal-marka Pioneer a detriment ta' Nadine Dunford minn Hal Balzan, kif wkoll stereo tal-marka Kenwood a detriment ta' Heidi Bugeja mill-Hamrun, liema serq ma jeccedix il-hames mitt lira maltin izda jeccedi il-mitt lira maltin ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-valur u bil-mezz u dan ai termini tal-artikoli 18, 261, 263, 267, 271g, 279a u 281a tal-Kodici Kriminali, kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta ittanta jisraq vettura numru CAG 565 tal-ghamla Fiat Punto li l-valur taghha huwa ta' aktar minn Lm1000 izda mhux aktar minn Lm5000, proprjeta ta' Roderick Cristina minn B'Kara, liema tentattiv ta' serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma sehhx minhabba li Frankie Pace waqaf minn rajh milli jikkonsma id-delitt dan bi ksur tal-artikoli 41b, 261, 263, 267, 271g, u 279b u 281 a tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Fiat Punto b'numru ta' registrazzjoni CAG 565 ghad-dannu ta' Roderick Cristina minn Birkirkara, fuq vettura Volkswagen Polo bin-numru tar-registrazzjoni NAD 303 ghad-dannu ta' Nadine Dunford minn Hal Balzan u fuq vettura Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni ANT 221 ghad-dannu ta' Heidi Bugeja mill-Hamrun liema hsara ma teccedix il-hames mitt lira maltin, imma teccedi il-hamsin lira maltin u dan ai termini tal-artikolu 325b tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli kiser il-kundizzjoni moghtija lilu mill-Qorti b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dottor Joseph Cassar LL.D. nhar it-18 ta' Lulju 2000 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat. .

Rat il-verbal tas-26 t'Awissu 2002 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tas-26 t’Awissu 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 22 ta’ Novembru 2002.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet akkuza u wara li rat Art 18, 261, 263, 267, 271(g), 279(a)(b), 281(a), Art 41(b), 325(b) u 28A tal-kap 9 u tikkundannah ghal tlettax il-xahar prigunerija sospizi ghal erba snin.

Filwaqt li ssib lil-imputat mhux hati tar-raba akkuza stante li s-sentenza sospiza msemmija fir-raba akkuza gja giet resa operattiva minn Qorti tal-Magistrati kif diversament preseduta u l-imputat gja qed jiskonta din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------